# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Carl Bonnici**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Carl Bonnici**, karta tal-identita' bin-numru 479478M fejn *in breve* ġie mixli talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-5 t'April 2013 u s-snin ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bħala l-proprjetarju jew amministratur responsabbli jew il-konsumatur tal-fond sitwat f'Carl Farmhouse, Sqaq tal-Basal, Delimara, b'mezzi qarrieqa li jihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl, tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommetta serq ta' dawl elettriku ta' valur ta' iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro, sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-ħin, u bil-valur għad-dannu tal-kumpanija Enemalta.

Kif ukoll talli f'dawn il-Gżejjer matul l-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi ksier il-provvediment tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ; kif ukoll talli huwa sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015, Alan Chetcuti għan-nom tal-kumpanija Enemalta plc ippreżenta d-dokument li permezz tiegħu, f'isem iċ-Chairman ta' Enemalta plc huwa kien qiegħed itenni li in konnessjoni mar-rapport ta' irregolarita' fl-arloġġ tad-dawl fil-fond meritu ta' dan il-każ, fejn l-istess Enemalta plc iddikjarat li ma baqgħalha ebda pendenza rigward dan il-każ u ddikjarat li kienet qegħda tirrinunzja mingħajr riżerva għall-passi kriminali, liema rinunzja kienet qed issir skont ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-elettriku (L.S. 423.01), regolament 88.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi skont l-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali :

> Għar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża wkoll meta rreat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiż ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa oħra li jingħad fil-proviso tal-artikolu 373.

Inoltre skont ir-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01: -

> Iżda wkoll ċ-*Chairman* tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu d-diskrezzjoni assoluta li:
> (*a*) jirrinunzja għal proċeduri kriminali kontra persuna jew konsumatur kif hawn qabel imsemmi;

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Oman Galea*** fl-14 ta' Jannar 2011 fejn il-Prim'Imħallef Silvio Camilleri, f'każ fejn l-imputat kien ikkommetta serq għad-dannu t'ommu, li matul il-proċeduri ddikjarat li ma riedetx li jitkomplew proċeduri kontra binha imputat, talbet li tirtira kull talba għal proċeduri li hija kienet għamlet kif ukoll li rtirat kwalunkwe kwerela li hija setgħet għamlet, ikkonkluda s-segwenti : -

> Fil-kaz odjern, izda, ir-reati kollha imputati lill-appellant huma reati ta' serq u ghalhekk huma reati kontra lproprjeta' u ghalhekk, in kwantu li r-reati saru kontra lproprjeta' ta' axxendent u in kwantu tali jehtiegu li jkun hemm il-kwerela tal-parti offiza. Ghalkemm l-imputat appellant tressaq arrestat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-ewwel seduta tat-22 ta' Mejju 2008 (fol. 10) huwa ddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u fis-seduta immedjatament wara l-ufficjal prosekutur esibixxa lkunsens ta' l-Avukat Generali datat 27 ta' Mejju 2008 (Dok. PS a fol. 13 tal-process) sabiex il-kaz kontra limputat appellant jigi trattat bi procedura sommarja u minn dakinhar 'Il quddiem hekk gie trattat mill-Qorti tal- Magistrati ta' prim istanza.
>
> Ghalhekk f'dawn il-proceduri qatt ma saret kumpilazzjoni u l-kwerela ma setghatx tigi prezunta ghat-tenur talartikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali. Anqas jista' jinghad li lproceduri setghu ittiehdu ex ufficio ghat-tenur tal-provisotal-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali bin-nuqqas ta' rinunzja tal-kwerela fi zmien erbat ijiem ghaliex dak il-proviso kostantement gie ritenut li japplika biss ghal reati ta' kompetenza hekk imsejha 'originali' tal-Qorti tal-Magistrati u cioe' ghal-reati soggetti ghal piena ta' prigunerija ta mhux aktar minn sitt xhur li ma kienx il-kaz talimputazzjonijet kontra l-appellant. Ghalhekk kien jehtieg li l-kwerela tigi pruvata mill-prosekuzzjoni u prova talkwerela quddiem l-ewwel Qorti ma saritx. Anzi, omm limputat quddiem l-ewwel Qorti stqarret li ma xtaqetx tixhed kontra binha l-imputat.

> Dan kien ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tal-ewwel Qorti tigi revokata.
>
> Izda di più quddiem din il-Qorti fit-12 ta' Novembru 2010 xehdet Regina Galea, omm l-imputat appellant u ddikjarat li ma rieditx li jitkomplew il-proceduri kriminali kontra tieghu u talbet tirtira kull talba li hi ghamlet sabiex jittiehdu l-proceduri kontra tieghu u b'hekk gie li irtirat kwalunkwe kwerela li setghet ghamlet.
>
> Fid-dawl tal-premess ma hux il-kaz li din il-Qorti tikkonsidra ulterjorment l-aggravju l-iehor tal-appellant li kien jikkoncerna l-piena u fi kwalunkwe kaz kien intiz bhala alternattiv ghall-ewwel aggravju.
>
> Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell ta' l-imputat Oman Galea billi tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-imputat appellant mhux hati tal-imputazzjonijet kollha kontra tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

Ta' min jgħid li fis-sentenza Galea hawn fuq imsemmija, l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali li jistipula l-ħtieġa tal-kwerela fil-każijiet ta' serq kontra proprjeta tal-axxendenti huwa l-Artikolu 332 tal-istess Kodiċi li jippreskrivi s-segwenti : -

> **332.** Ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, lazzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża, għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ tal-axxendenti jew kontra ħwejjeġ tal-qraba bi żwieġ fil-linja tal-axxendenti, jew tal-aħwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi żwieġ fl-istess grad, meta dawn irreati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, minbarra offiża ħafifa u ta' importanza żgħira, jew ma' sekwestru tal-persuna.

Kif jista' jidher it-terminoloġija użata f'dan l-Artikolu 332 hija ftit differenti minn dik imsemmija fl-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li "Għar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża". Pero essenzjalment it-tifsira hija identika għal dik mistqarra mill-Artikolu 332 li jgħidli "l-azzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża". L-

argument imsemmi mill-Prosekuzzjoni u ribadit fis-sentenza ċċitata mill-Prosekuzzjoni ***Il-Pulizija vs Martin Mifsud*** dwar il-fatt li dawn il-proċeduri huma istitwiti *ex officio* għaliex anke fil-kawża in re Galea hawn fuq imsemmija il-proċediment kien wieħed istitwit mill-Pulizija Eżekuttiva iżda fejn il-kwerela tal-parti kienet meħtieġa sabiex il-proċediment ikun jista' jkompli għaddej.

Ir-riferenza għall-proviso tal-Artikolu 373 invokata mill-Prosekuzzjoni ukoll ma treġix f'dan il-każ in kwantu l-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li l-azzjoni penali teħieġ il-kwerela tal-parti **anke ossija wkoll** meta r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiż ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Inoltre d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw **minkejja kull ħaġa oħra** li jingħad fil-proviso tal-artikolu 373.

Finalment jiġi ribadit li f'dan il-każ, minbarra l-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali hemm ukoll l-Artikolu 544 : -

> **544.** Ma jistgħux isiru proċeduri kriminali, ħlief fuq talba talparti privata, f'ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:
> ....
> (*d*) serq ta' elettriku u reati taħt l-artikolu 326(1)(*ċ*), (*e*) u (*f*):
>
> iżda, meta xi wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika, jew flimkien ma' reat ieħor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement millazzjoni

tal-parti privata:
Iżda wkoll meta fil-każ ta' delitt li jsir bi vjolenza domestika l-azzjoni kriminali tkun tmexxiet indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata, id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 543(*e*) għandhom japplikaw ukoll għal dak il-każ.

Ebda parti ta' dan il-proviso ma japplika f'dan il-każ in kwantu ma ġie pruvat ebda fatt imsemmi fl-istess. F'dan il-każ għalhekk din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni stante li l-proċediment dwarha ser ikun dikjarat estint minħabba r-reċess tal-kwerela da parti tal-parti intitolata għall-azzjoni. Bħala konsegwenza l-anqas ma din il-Qorti tista' ssib ħtija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-konsegwenti reċidiva in kwantu dawn huma imputazzjonijiet anċillari dipendenti fuq is-sejbien ta' ħtija tal-imputazzjoni prinċipali sabiex ikunu jistgħu jitqiesu integrati.

# ***DECIDE***

għalhekk li wara li rat l-Artikoli 283A u 544 (d) tal-Kodiċi Kriminali u r-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01 u wara li ħadet konjizzjoni tar-reċess tal-kwerela da parti taċ-Chairman tal-Enemalta plc tiddikjara l-proċediment estint.

***Mogħtija illum il-21 ta' Marzu 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***